**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

# GUDIKATUR: DR ANTHONY ELLUL, LL.D.

## SEDUTA TA' NHAR IL-GIMGHA 8 TA' FRAR, 2002

**Numru: 3**

**Avviz Nru: 1692/01AE**

**Greenlines Environmental Services Limited**

**vs**

**Ideal Dwellings (Turnkey) Limited**

It-Tribunal,

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta attrici talbet il-hlas tas-somma ta' elf u hames mitt lira Maltija (Lm1,500) import ta' tlett kambjali ta' hames mitt lira Maltija (Lm500) il-wahda, li mmaturaw fit-13 ta' Awissu 2001, fl-24 ta' Settembru 2001 u fil-5 ta' Novembru 2001.

Ra li s-socjeta konvenuta, ghalkemm jirrizulta li giet notifikata skond ir-riferta tal-marixxall tal-Qorti, ma deheritx fis-seduti ta' l-1 ta' Frar 2002 u dik  tal-lum.

Semgha lil Joanne Calleja (rapprezentant tas-socjeta attrici) tikkonferma bil-gurament l-avviz tat-talba u li l-ammont mitlub ghadu kollu dovut.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jilqa' t-talba tas-socjeta attrici u jikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas is-somma ta' elf u hames mitt lira Maltija (Lm1,500), rapprezentanti import ta' tlett kambjali. Bl-imghax mid-data ta' kull skadenza.

L-ispejjez (inkluzi drittijiet legali) huma kollha ghak-karigu tas-socjeta konvenuta.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur**